**9 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Fanciulli

**Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli l-Mara fil-Bżonn — Indiġenza — Żregolatezza.**

*Il-pensjoni alimentarja fissata mill-Qorti Ċivili tirrappreżenta l-limiti tal-bżonn tal-mara u tal-ulied (jekk ikun hemm); u għalhekk, ħlas ta' somma anqas ifisser li huma jkunu tħallew fil-bżonn. U meta jkun hemm ġa kundanna tat-tribunal ċivili għall-manteniment, it-tribunal penali ma għandux bżonn jindaga jekk ir-raġel imputat kienx ġustifikat jirrifjuta l-alimenti, imma d-deċiżjoni tat-tribunal ċivili hi biżżejjed. Jekk mbgħad, wara dik id-deċiżjoni, intervenew ċirkustanzi ġodda, l-imputat kien imissu fittex għar-revoka jew modifika ta' dik id-deċiżjoni quddiem it-tribunal ċivili.*

*Il-fatt li kap ta' familja, meta għandu l-mezzi, jew il-kapaċità li jaqla' dawn il-mezzi, iħalli lill-martu u lill-uliedu fl-indiġenza jikkostitwixxi dik l-iżregolatezza li trid il-liġi għall-integrazzjoni ta' dan ir-reat. Din hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku; u kap ta' familja li ma jottemperax ruħu, fil-waqt li jista' jottempera ruħu, għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponulu l-obligu li jmanti l-martu u l-uliedu jkun qiegħed jikkaġuna diżordni fis-soċjetà.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'tas-

Sliema, f'dawn l-aħħar xahrejn u nofs, ħalla lill-martu Alice u lill-bintu minuri Eva ta' sentejn u nofs fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Ottubru 1961, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati skond iċ-ċitazzjoni u kkundannatu għal ħdax il-ġurnata detenzjoni;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi rriżulta li l-imputat u martu jinsabu minn żmien separati "di fatto". B'sentenza mogħtija fiż-17 ta' Lulju 1961 fil-kawża preċitata l-imputat odjern kien ġie kundannat jgħaddi lill-martu, għaliha u għal bintu minuri Eva, pensjoni alimentarja ta' disgħa xelini (9s.) kulljum, pagabbli settimanalment bil-quddiem fir-residenza ta' martu, u dan wara li l-imsemmija Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-imputat, li hu ma kienx tenut imantni lill-martu għax kienet hi li keċċietu mid-dar u rrendiet ruħha ħatja ta' nġurji gravi u ħtijiet oħra lejh, u li kwantu għat-tifla hu kellu dritt, bis-saħħa tal-patrija potestà, li jeħodha u jmantniha hu stess. L-imputat ma ħa ebda passi biex ivarja dik is-sentenza, li għaddiet in ġudikat. Jirriżulta, anki mid-depożizzjoni tal-imputat, li hu, non ostante dik il-kundanna, ilu ma jagħti manteniment lill-martu u lill-bintu minuri mat-tliet xhur;

L-imputat, skond ma rriżulta f'din il-kawża, kien jaħdem ma missier martu stess b'paga ta' £6.10.0 fil-ġimgħa, oltre perċentaġġ fuq ix-xogħol. Meta beda l-inkwiet ma' martu, però, l-imputat ħalla dan il-post u mar jaħdem mal-Golden Harvest Bakery. Fi żmien is-sentenza preċitata — u dan jirriżulta mill-istess sentenza — l-imputat kien jaħdem Ħaż-Żabbar ġo fabbrika tal-ħadid b'paga ta' £6 fil-ġimgħa. Il-lum, skond ma qal l-imputat stess, jinsab bla xogħol, u ilu hekk bla xogħol madwar għaxar tijiem biss. L-imputat għandu 25 sena u hu ovvjament kapaċi għax-xogħol;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, kif presjeduta, ġa kellha okkażjoni tirri-

leva, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Angelo Magro" deċiża fit-18 ta' Settembru 1961, fuq l-insenjament tal-Qorti Kriminali (sede ta' Appell) in re "Il-Pulizija vs. Salvu Cini", deċiża fit-8 ta' April 1946 (Kollez. Vol. XXXII-IV-900), li l-pensjoni alimentarja fissata mill-Qorti Civili tirrappreżenta l-limiti tal-bżonn tal-mara u tal-ulied (jekk ikun hemm), u għalhekk, ħlas ta' somma anqas ifisser li huma jkunu tħallew fil-bżonn. Ġie anki deċiż, fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Patist Agius", 16 ta' Mejju 1953 ( Kollez. Vol. XXXVII-IV-1096), li meta jkun hemm ġa kundanna tat-tribunal ċivili għall-manteniment, it-tribunal penali ma għandux bżonn jindaga jekk l-imputat f'kawżi simili kienx ġustifikat jirrifjuta l-manteniment, għax ladarba kien hemm deċiżjoni tat-tribunal kompetenti dan hu biżżejjed; u jekk wara dik id-deċiżjoni ntervenew ċirkustanzi ġodda, l-imputat kien imissu fittex għar-revoka jew modifika ta' dik id-deċiżjoni quddiem it-tribunal ċivili. L-imputat, fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, ma ta l-ebda raġuni plawsibbli l-għala naqas li jmantni lill-martu u lill-bintu; qal biss li ma jridx jagħtiha manteniment għax qegħdha taħdem mal-papà tagħha. Apparti l-fatt li din mhux raġuni biex teħles lill-imputat mid-dmir legali u morali li għandu li jmantni hu lill-martu u lill-binti minuri, irriżulta mix-xhieda ta' Alice Fanciulli li hi mhix impjegata b'salarju ma' missierha; hi biss tgħinu bla flus fix-xogħol tiegħu biex. kif qalet hi, tpattilu talli qed jitma lilha u lill-bintha;

Ikkunsidrat;

Hu "jus receptum" li l-fatt li l-kap ta' familja, meta għandu l-mezzi jew il-kapaċità li jaqla' dawn il-mezzi, iħalli lill-martu u lill-uliedu fl-indiġenza, jikkostitwixxi dik l-iżregolatezza li trid il-liġi. Din il-kontravvenzjoni hi fil-kategorija ta' dawk kontra l-ordni publiku. u kap ta' familja li ma jottemperax ruħu, fil-waqt li jista' jottempera ruħu, għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponulu l-obligu tal-manteniment ta' martu u wliedu, ikun qiegħed jikkaġuna diżordni fis-soċjetà. Il-Qorti hi soddisfatta li l-imputat hu kapaċi ħafna għax-xogħol, u ma jsibx jaħdem jekk ma jridx; anzi pjuttost jidher li l-imputat ħalla l-aħħar

xogħol li kellu, kif qal hu stess tmien tijiem ilu, appuntu biex, skond hu, jipprova jovvja għal kundanna minn din il-Qorti;

Il-Qorti mhix disposta tieħu veduta indulġenti ta' min, għax irid, b'disprezz għall-obligi morali u legali li jkollu, iħalli lill-martu u lill-uliedu minuri fil-bżonn;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat; u in subordine talab mitigazzjoni fil-piena jew liberazzjoni kondizzjonali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata, li ssib il-ġustifikazzjoni tagħha fil-provi akkwiżiti għall-proċess u fil-prinċipji tal-ġurisprudenza "in subjecta materia", opportunament ċitati fis-sentenza "de qua". Ir-raġunamenti tal-Ewwel Qorti jirrispondu wkoll għall-kontestazzjoni tad-difiża fil-meritu;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti, wara li rriflettiet fuq iċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ, jidhrilha li jkun adattat Probation Order għas-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Att XII tal-1957;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell fil-meritu, u fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-piena, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, minflok il-piena, tagħti l-Probation Order li sejjer jiġi moqri separatament immedjatament wara l-pronunċja ta' din is-sentenza, u li għandu jiġi reġistrat in kalċe tagħha. Kopja ta' dan l-Order għandha tingħata immedjatament lill-"probationer" u lill-"Probation Officer" skond l-art. 5(5) tal-Att XII tal-1957;

U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell.

Il-Qorti;

Billi Francis Fanciulli, (hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ ħati) ġie l-lum, 9 ta' Diċembru 1961, misjub ħati talli ħalla lill-martu Alice u lill-bintu minuri Eva ta' sentejn u nofs fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

U billi din il-Qorti jidhrilha, wara li ħadet kont taċ-ċirkustanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-ħati, illi huwa spedjenti li tagħmel ordni ta' Probation;

U billi fissret lill-ħati bi kliem ċar, l-effett ta' dan l-ordni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt), u illi, jekk jonqos li jħares dan l-ordni, jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum, ikun jista' jiġi kundannat għar-reat li għalieh qiegħed jiġi magħmul dan l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' dan l-Ordni;

Għalhekk, tordna li l-ħati, li attwalment joqgħod fid-dar Rose House, Zimelli Street, Hamrun, ikun għal-perijodu ta' sentejn mid-data ta' din l-Ordni, taħt is-sorveljanza tal-Uffiċjal tal-Probation Michelangelo Saliba, M.B.E., li qiegħed jiġi magħżul għal dan il-fini; u tordna wkoll li l-ħati, għall-perijodu fuq imsemmi, għandu jħares ukoll l-erbgħa kondizzjonijiet addizzjonali hawn taħt imsemmijin:—

1. Li għandu jġib ruħu tajjeb u jgħaddi ħajja ta bżulija, u għandu jagħmel ħiltu kollha biex jimpjega ruħu skond il-kapaċità tiegħu, u jibqa' hekk impjegat;

2. Li hu għandu jgħarraf minnufih lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull tibdil ta' residenza jew xogħol tiegħu;

3. Li hu għandu iżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation skond id-direttivi li jagħtieh minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikularment

li hu għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun irid hekk, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation ġo daru;

4. Li hu għandu jfittex rikonċiljazzjoni ma' martu, u jikkoopera mill-aħjar li jista' sabiex jirriprendi mill-aktar fis il-koabitazzjoni magħha.